



Brussell, 15 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

13097/18

COASI 241	EDUC 361
ASIE 52	RECH 425
TRANS 447	CULT 117
COEST 197	WTO 260
ASEM 8	RELEX 858
ENER 326	OCDE 8
CYBER 231	CCG 33
ENV 657	AVIATION 132
DIGIT 199	FIN 793
CLIMA 181	FISC 420
DEVGEN 167	POLGEN 177
SUSTDEV 5	TOUR 9
ECOFIN 912	MIGR 152
COMPET 664	

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	15 ta' Ottubru 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12720/18	
Suġġett:	Nikkollegaw l-Ewropa u l-Asja – Elementi fundamentali għal Strateġija tal-UE - Konklużjonijiet tal-Kunsill (15 ta' Ottubru 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Nikkollegaw l-Ewropa u l-Asja – Elementi fundamentali għal Strateġija tal-UE", kif adottati mill-Kunsill fit-3643 laqgħa tiegħu li saret fil-15 ta' Ottubru 2018.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Nikkollegaw l-Ewropa u l-Asja
– Elementi fundamentali għal Strateġija tal-UE

Konnettività aħjar ser toħloq opportunitajiet ġodda għaċ-ċittadini u n-negozji u tiftaħ possibilitajiet ġodda għal standards ogħla ta' għajxien, djalogu politiku u rabtiet tas-soċjetà ċivili. Huwa għalhekk fl-interess taż-żewġ kontinenti li jsiru konnessi aħjar, għall-benefiċċju tal-popolazzjonijiet lokali u l-ġenerazzjonijiet futuri. L-UE għandha l-kapaċità u r-rieda li taħdem aktar għall-konnettività u tikkoopera ma' pajjiżi sħab biex jiżviluppaw sħubijiet ta' konnettività ma' dawk ugwali għalihom. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jagħmlu kuntatt mas-sħab fl-Ewropa u l-Asja fid-dawl ta' dan.

L-UE ser tippromwovi approċċ għall-konnettività li huwa sostenibbli, komprensiv, u bbażat fuq ir-regoli, u li jagħti spinta lill-investiment u l-kummerċ. Dan l-approċċ Ewropew, ibbażat fuq standards għoljin ta' protezzjoni soċjali u ambjentali u ispirat mis-suq intern tal-UE, jippermetti lill-pajjiżi jiksibu livelli ogħla ta' kwalità tal-ħajja filwaqt li jiggarrantixxu rispett għad-drittijiet individwali. L-UE tixtieq tiżviluppa dan l-approċċ ma' sħabna, fl-ispirtu ta' kooperazzjoni u benefiċċju reċiproku.

Il-Kunsill jirrikonoxxi li d-dinja qed tħabbat wiċċha ma' bosta sfidi urġenti, b'mod partikolari għall-iżvilupp sostenibbli u l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, u jemmaen li dawn jistgħu jiġu indirizzati biss permezz ta' aktar kooperazzjoni. F'dan l-isforz, l-UE għandha rwol kruċjali x'taqdi bħala waħda mill-akbar ekonomiji u sħab kummerċjali tad-dinja, u bħala prekursor għal kooperazzjoni reġjonali u l-konnettività tan-nies, abbażi tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, u tiddefendi d-dritt internazzjonali, il-multilateraliżmu, it-trasparenza u r-responsabbiltà.

F'dan il-kuntest, il-Kunsill jilqa' l-Komunikazzjoni Konġunta "Nikkollegaw l-Ewropa u l-Asja – Elementi Fundamentali għal Strateġija tal-UE" mir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni Ewropea, li flimkien ma' dawn il-konklużjonijiet, tipprovdi l-bażi għal qafas ta' politika għall-impenn tal-UE fil-qasam tal-konnettività Ewro-Asjatika. Il-Kunsill jissottolinja li din l-istrateġija għandu jkollha fokus ġeografiku wiesa', li jkopri l-Ewropa u l-Asja, u għandha tkun ikkoordinata mal-istrateġiji u l-politiki li diġà huma fis-seħħ jew li qed jitħejjew. Il-Kunsill ifakkar li l-konnettività hija wkoll parti integrali mill-politiki tat-tkabbir u tal-viceinat.

Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tas-17 ta' Ottubru 2016 dwar l-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea (EUGS), li enfasizzaw il-ħtieġa li l-UE tkun iggwidata mill-valuri, l-interessi, il-prinċipji, u l-prioritajiet komuni tagħha f'dinja aktar ikkontestata, konnessa u kumplessa, filwaqt li tibqa' magħquda u tibni fuq il-kisbiet tagħha, b'mod partikolari fir-rigward ta' Asja konnessa.

Il-Kunsill jaqbel li l-konnettività tista' tistimola t-tkabbir, l-impjiegi u l-investiment kif ukoll is-swieq miftuħa, u l-kummerċ ħieles u ġust. Din tista' tikkontribwixxi għal transizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet baxxi u, għaldaqstant, għal progress lejn l-impjenji skont il-Ftehim ta' Pariġi. Konnettività aħjar tista' wkoll tgħin lill-pajjiżi jimplimentaw l-Aġenda 2030, jilhqqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, u jisfruttaw l-innovazzjoni fis-settur privat u jiżviluppaw mudelli kummerċjali ġodda għal dan il-għan. F'dan il-kuntest, il-Kunsill ifakkar l-għanijiet stabbiliti u l-impjenji li saru fl-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa u l-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp.

Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li l-UE tippromwovi approċċ li huwa sostenibbli, komprensiv, u bbażat fuq ir-regoli, f'konformità mal-valuri u l-interessi tal-UE. Dan l-approċċ jeħtieġ ikun ekonomikament, fiskalment, ambjentalment u soċjalment sostenibbli, miftuħ u inklużiv, bi standards għoljin ta' trasparenza u governanza tajba. Għandu jkun komprensiv, li jkopri t-trasport, l-enerġija u l-konnessjonijiet diġitali kif ukoll l-konnessjonijiet bejn il-persuni. Dan għandu jsaħħaħ ordni multilaterali internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, li jgħin infrastruttura ta' kwalità, kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, inkluż fl-akkwist pubbliku, u aċċess uguali għan-negozji filwaqt li jgħin d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali.

Abbażi ta' dawn il-prinċipji, l-UE, infurmata mill-esperjenza tagħha fil-promozzjoni u r-regolazzjoni tal-konnettività, għandha tikkontribwixxi biex toħloq konnessjonijiet u networks għall-Ewropa u l-Asja, trawwem sħubijiet miftuħa u inklużivi, u tikkontribwixxi permezz tal-istrumenti ta' investiment tagħha għal żvilupp sostenibbli u l-finanzjament ta' proġetti ta' interess komuni, inkluż permezz ta' sħubijiet pubbliċi privati.

Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-iżvilupp ta' pjan ta' komunikazzjoni, li għandu jakkumpanja din l-istrateġija ta' konnettività, li jirrendi r-rieda politika u l-isforzi tal-UE u l-Istati Membri tagħha viżibbli.

Il-Kunsill ifakkar fl-importanza tal-prinċipji ta' konnettività sostenibbli fil-qasam tat-trasport. Il-Kunsill jappoġġa l-ħidma lejn il-konnessjoni tan-Netzwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) estiż ma' networks fl-Asja. Huwa jappoġġa wkoll l-inizjattivi reċenti tal-Kummissjoni ta' konnettività fil-Balkani tal-Punent u l-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant u huwa impenjat għall-implimentazzjoni rapida tagħhom. Dan jenfasizza l-ħtieġa għal żieda fis-sigurtà tat-trasport u l-kooperazzjoni doganali. It-trasport dejjem qed isir aktar multimodali u qed jinqalgħu opportunitajiet ġodda għall-iżvilupp ta' networks tat-trasport Ewro-Asjatiċi ġodda u t-titjib ta' dawk eżistenti, inklużi konnessjonijiet bil-ferrovija bejn il-Lvant u l-Punent u rotot marittimi ġodda.

Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon il-progress fin-negozjati li għaddejjin dwar Ftehimiet dwar it-Trasport bl-Ajru ma' sħab fl-Ewropa u l-Asja u jappella għal aktar progress f'dan ir-rigward. Huwa jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jsir progress lejn id-dekarbonizzazzjoni fit-tul fit-trasport bl-ajru. F'dak li jirrigwarda t-trasport marittimu, il-Kunsill jenfasizza l-impenn tal-UE favur il-libertà tan-navigazzjoni, id-dekarbonizzazzjoni u trasport marittimu nadif kif ukoll il-ħtieġa għal investiment kontinwu fl-infrastruttura marittima, is-sigurtà tat-trasport u l-governanza tal-oċeani. Il-Kunsill jappoġġa ħidma ulterjuri għal ftehimiet pertinenti ta' trasport marittimu.

F'termini ta' konnettività diġitali, il-Kunsill jissottolinja l-impenn tal-UE għal internet liberu u miftuħ u aċċess universali u bi prezz raġonevoli għalih. Huwa jappoġġa miżuri li jsaħħu l-ħarsien tad-drittijiet tal-konsumaturi u tad-data personali, kif ukoll iċ-ċibersigurtà u biex jitnaqqas id-distakk diġitali bejn iż-żoni l-aktar u l-inqas żviluppati fl-Ewropa u l-Asja, inkluż permezz tal-istrateġija Digital4Development. Huwa jilqa' l-progress li sar fl-adozzjoni tal-Ftehim dwar ir-Roaming Reġjonali mal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant.

F'termini ta' konnettività tal-enerġija, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, kif ukoll it-trasformazzjoni mmexxija mis-suq li għaddejja lejn l-enerġija rinnovabbli, li qed iżid id-domanda għal interkonnessjonijiet tal-elettriku u b'hekk il-kooperazzjoni reġjonali fl-Ewropa u l-Asja. Il-Kunsill jappella wkoll għal swieq tal-enerġija integrati aħjar u aktar armonizzazzjoni ta' oqfsa regolatorji ma' pajjiżi mhux tal-UE, filwaqt li tinżamm is-sigurtà tal-enerġija. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tesplora modi kif l-UE tista' tikkontribwixxi aktar għal dawn l-għanijiet.

Rigward il-konnettività bejn il-persuni, il-Kunsill huwa tal-fehma li l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Asja fl-oqsma tal-edukazzjoni, ir-riċerka, l-innovazzjoni, il-kultura u t-turiżmu, hija parti integrali tal-istrateġija, biż-żgħażaġh bħala atturi vitali. Titjib tal-konnessjonijiet f'dawn l-oqsma permezz ta' skambji, proġetti konġunti u kollaborazzjonijiet oħra, bħal ġemellaġġi tal-ibliet, ser jirriżulta f'għarfien aħjar ibbażat fuq l-iżvilupp, apprezzament akbar u għarfien aħjar tal-kulturi. Ser itejjeb ukoll il-fehim reċiproku u jqarrebb lin-nies tal-Ewropa u l-Asja lejn xulxin.

Il-Kunsill jinnota li l-politiki ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE jikkontribwixxu għal finanzjament sostenibbli u l-iffaċilitar tal-investment. Il-Kunsill iqis li l-UE għandha taħdem flimkien mas-sħab Ewropej u Asjatiċi tiegħu dwar l-ambjent regolatorju, il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, u l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi domestiċi u għandha ttipprovdi assistenza teknika għal dawn il-finijiet.

Sabiex jippromwovi l-kooperazzjoni reġjonali u aċċess aħjar għas-suq, kundizzjonijiet ekwi, trasparenza u finanzjament sostenibbli u standards internazzjonali, u biex jiżgura l-interoperabbiltà tan-netwerks, il-Kunsill iqis li l-UE għandha tespandi d-djalogu tagħha u toħloq sinerġiji dwar il-konnettività Ewro-Asjatika mas-sħab kollha rilevanti, b'mod partikolari maċ-Ċina (abbażi tal-Pjattaforma ta' Konnettività eżistenti bejn l-UE u ċ-Ċina) u l-Ġappun. Barra minn hekk, il-Kunsill huwa tal-fehma li l-kooperazzjoni mal-ASEAN u l-istati membri tagħha, bħad-djalogu dwar it-Trasport tal-UE-ASEAN, li jippermettu proġetti konkreti ta' konnettività minn blokka għal blokka. Il-konnettività sostenibbli għandha wkoll issir element ewlieni tal-istrateġiji tal-UE dwar l-Indja u l-Asja Ċentrali.

F'dan il-kuntest, il-Kunsill jappella għall-kooperazzjoni msaħħa fil-livell reġjonali bejn l-UE u l-Asja. L-UE għandha tikkunsidra li tiżviluppa approċċi reġjonali għal konnettività sostenibbli filwaqt li jiġu identifikati opportunitajiet għal kooperazzjoni. Il-kooperazzjoni reġjonali hija aspett ewlieni tal-approċċ tal-UE lejn is-Sħubija tal-Lvant u l-Asja Ċentrali kif ukoll għall-kooperazzjoni dwar il-Baħar l-Iswed, il-Baħar Baltiku, u l-Mediterran, inkluż l-Adrijatiku, li fuqha tista' tibni. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' l-Inizjattiva tat-Tliet Ibħra. Il-Kunsill jissottolinja l-valur tal-Laqgħa Asja-Ewropa (ASEM), li laqqgħet flimkien l-atturi ewlenin minn madwar l-Ewropa u l-Asja. Fil-laqgħa li jmiss tas-Summit ASEM12, l-UE ser tippromwovi konnettività sostenibbli u tmexxi 'l quddiem il-kooperazzjoni mas-sħab Asjatiċi ewlenin.

Il-Kunsill jara l-ħtieġa għal aktar azzjoni miftiehma u kkoordinata mill-UE u l-Istati Membri tagħha sabiex isaħħu l-qafas istituzzjonali internazzjonali li jirregola l-konnettività. Fejn ikun xieraq, l-UE ser issaħħa is-sħubiji tagħha ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, bħalma huma l-OSKE, l-OECD, u n-NU/KEE, u tippromwovi adozzjoni usa' ta' ftehimiet internazzjonali relatati mal-konnettività, fejn xieraq, biex tippromwovi s-sostenibbiltà, l-infrastruttura ta' kwalità, il-kummerċ ħieles u ġust, l-investment, u l-interoperabbiltà tan-netwerks. Il-Kunsill jappella wkoll għal kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-organizzazzjonijiet ta' standardizzazzjoni internazzjonali u Ewropej. Il-Kunsill iqis li l-UE għandha ssaħħa s-sħubiji bilaterali u reġjonali tagħha dwar konnettività sostenibbli.

Il-Kunsill jappella għal kooperazzjoni eqreb bejn l-UE u l-G7 u s-sħab tal-G20 biex jippromwovu konnettività sostenibbli u infrastruttura ta' kwalità, u jistenna b'interess li fl-2019 jaħdem mal-Presidenza Franċiża tal-G7 u l-Presidenza Ġappuniża tal-G20 f'dan ir-rigward.

Filwaqt li jinnota li l-infrastruttura hija fil-biċċa l-kbira ffinanzjat permezz ta' mezzi domestiċi, il-Kunsill jaqbel li l-UE għandha tkompli l-kooperazzjoni ma' sħab dwar il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi u s-sostenibbiltà tad-dejn. Huwa għandu jsaħħaħ il-mekkaniżmi tiegħu għall-finanzjament ta' konnettività sostenibbli, it-trawwim ta' investiment privat u pubbliku, f'kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri tiegħu u l-istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi u privati tagħhom u l-Banek Multilaterali tal-Iżvilupp.

Il-Kunsill jenfasizza wkoll ir-rabta bejn l-aspetti finanzjarji ta' konnettività u l-arkitettura finanzjarja reġjonali u globali. Il-Kunsill jappoġġa t-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-UE u l-koordinazzjoni ma' Banek Multilaterali tal-Iżvilupp, b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri li jipparteċipaw diġà f'dawk l-istituzzjonijiet. Flimkien mal-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, il-Fond Monetarju Internazzjonali, il-Bank Dinji, il-Bank Asjatiku tal-Iżvilupp u l-Bank Asjatiku tal-Investiment fl-Infrastruttura huma kollha ta' importanza.

Il-Kunsill jemmen li kooperazzjoni msaħħa bejn l-istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi u privati Ewropej u l-kontropartijiet tagħhom fl-Asja ser tirriżulta f'governanza korporattiva aħjar u standards oġhla ta' self, li jgħibu magħhom benefiċċji tanġibbli għal min isellef kif ukoll għad-debituri. Finanzjament aktar sostenibbli jista' jgħin ukoll biex jimmassimizza l-impatt pożittiv fuq is-soċjetà u jgħin biex jindirizza kwistjonijiet bħat-tibdil fil-klima

Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza tat-titjib ta' opportunitajiet għan-negozji, il-kondizzjonijiet għall-kummerċ, it-titjib tal-aċċess għas-suq u t-trasparenza u biex ikunu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, inkluż permezz tad-diplomazija ekonomika Ewropea, u l-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment. Huwa jissottolinja l-ħtieġa li jinstabu possibbiltajiet aħjar li jippermettu lin-negozji jkunu innovattivi fis-sostenibbiltà u jiżviluppaw mudelli ta' negozju li jissodisfaw il-bżonnijiet fil-kuntest tal-Aġenda 2030, pereżempju billi jiġi elaborat l-akkwist sostenibbli jew promoss l-użu akbar tal-analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja. L-UE ser tinkoraġġixxi adeżjoni usa' għall-Ftehim dwar l-Akkwist Ġenerali tad-WTO kif ukoll il-ħidma li għaddejja tal-Grupp ta' Ħidma Internazzjonali dwar il-Kreditu tal-Esportazzjoni.

Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex ikomplu jaħdmu fuq l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet identifikati fil-Komunikazzjoni Konġunta u f'dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, u konsistenti mal-politika tal-UE f'oqsma oħra. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni Ewropea u lir-Rappreżentant Għoli biex jirrapportaw b'mod regolari lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni Konġunta u ser jerġa' lura għall-kwistjoni kif xieraq.
